# LILL

# SANT'ELENA IMP. AWG.

## FL-OKKAZJONI TAL-FESTI SOLLENNI

## LI GHANDHOM ISIRU AD UNUR TAGHHA, FIS-SAGROSANTA BAZILIKA

KNISJA PERINSINJI KOLLEĠĠJATA ARĊIMATRIĊI U PARROKKJALI

## TA' BIRKIRKARA

16-20 ta' Awissu 1950.

Sliem għalik, O'Mperatriċi,
O maħbuba tas-Salib,
Li d-Divina Providenza
Lilek qanqlet biex issib.

Is-Salib, O Ruħ qaddisa,
Ftit taż-żmien qabel instab
Il-famuż Kostantin Ibnek
Lilu jara f'dija u sħab.

F'dik id-dehra prodiġjuża
Kliem ta' qawwa lilu ntqal:
"Ikkumbatti, mur u irbaħ,
Basta ġġib dan is-Sinjal".

B'għaġeb kbir tad-dinja kollha
Kbar vittorji mar iġib
Kontra l-kiefer kbir Massenzju
Bis-sinjal minn tas-Salib.

Malajr ibnek lilek sejjaħ
Wara rebħa tant sabiħa,
Biex ta' Kristu s-Salib tfittex
B'fidi ħajja, b'fidi sħiħa.

"Omm minn tiegħi", mar hu jgħidlek,
Lilek jixraq dan l-unur:
Is-Salib għażiż, imqaddes
Biex issibu fittex mur.

B'liema qawwa inti lqajtu
Dan il-kliem kollu qdusija
Biex issib il-għażiż marqad
Li miet fuqu il-Messija.

Int mort tgħidlu; Iva, ibni,
Għax hekk ma jistax ikun
L'aħna ngħixu fil-palazzi
U s-Salib jibqa' midfun.

O għażiż iben minn tiegħi,
Jien immur ġol-Palestina,
'L ALLA nitlob b'qalbi kollha
Biex dil-grazzja hu jagħtina

Li s-Salib naraw imqaddes
U nqimuh mad-dinja kollha:
Is-Salib li 'l Kristu Sidna
Fuq il-Golgota kien għolla.

Bil-għajnuna tal-kbir Alla,
Għax Hu magħna jrid ikun,
Jien inwaqqa', nfarrak kollox
Basta ma jibqax midfun.

Akkost illi r-Renju nfaqqar
Għall-imħabba t'Alla tiegħi,
Ħalli x-xorti kbira jkolli
Li s-Salib inħaddan miegħi!

4 ta' Lulju 1950.

Ant. Bonavia.

Nihil obstat
Melitae die 12 Julii 1950.
G. Tabone O.F.M.
Cens. Theol.

*A.B.C. Press, 2 Strait Street Valletta.*